Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 313/2012

**Albert Gauci (appellat)**

**vs**

**Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta (appellanti)**

30 ta' Jannar 2017.

## Il-Qorti:

Rat **ir-Rikors ta' Albert Gauci tal-24 ta' Ottubru 2012** prezentat quddiem Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva permezz ta' liema ppremetta li: (i) huwa debitament liċenzjat u awtorizzat li jwettaq testijiet tal-VRT biex jiċċertifikaw li vetturi bil-mutur huma tajba għat-triq; (ii) fis-17 ta' Settembru 2012, huwa wettaq test tal-VRT fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAH062; (iii) fil-25 ta' Settembru 2012, uffiċċjali ta' l-Awtorita' intimata wettqu *post-VRT inspection* fuq il-vettura imsemmija, allegaw li sabu nuqqasijiet fil-vettura in kwistjoni, u konsegwentement allegaw li huwa ma eżegwiex it-test tal-VRT fuq din il-vettura skont il-liġi; (iv) b'deċiżjoni tal-5 ta' Ottubru 2012, notifikata lilu erbat ijiem wara, l-Awtorita' għarrfitu li huwa kien qieghed jiġi penalizzat 135 punti, ai termini tal-partiti 15, 19, 20, 28 u 36 tat-Tnax-il Skeda ta' l-Avviż Legali 126 ta' l-1998, kif sussegwentement emendat. Ir-rikorrent ilmenta quddiem it-Tribunal li: (a) id-deċiżjoni appellata tippekka kontra kull prinċipju ta' ġustizzja naturali, u għandha tiġi ritenuta nulla u mingħajr effett peress li fl-għoti tad-deċiżjoni taghha, l-Awtorita' la tatu c-cans li jressaq il-każ tiegħu u lanqas l-opportunita' li jixtarr dawk l-elementi li abbażi tagħhom ittiehdet l-istess decizjoni. Dan bi ksur lampanti tal-prinċipju *audi alteram partem*; (b) fil-fehma tieghu huwa wettaq it-test tal-VRT skont il-liġi, u allura m'hemmx lok li jiġu mposti penali fuqu. Ir-rikorrent talab lit-Tribunal sabiex jikkanċella d-deċiżjoni mogħtija mill-Awtorita' fil-konfront ta' l-esponenti, bl-ispejjeż kontra taghha.

Rat **ir-Risposta ta' l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta tad-19 ta' Novembru 2012**[1] li permezz taghha tressqu s-segwenti eccezzjonijiet: (i) in linea preliminari, dan it-Tribunal m'għandux il-kompetenza *rationae materiae* sabiex jieħu konjizzjoni u jiddeċiedi dwar l-ewwel aggravju mressaq mir-rikorrent stante illi din il-materja ma taqax taħt il-kompetenzi tat-

[1] Fol 13-14.

Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kif imfissra f' Kapitlu 490 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) bla pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress illi malli l-Awtorita` intimata ġiet a konoxxenza tal-fatti miġjuba quddiemha wara li saret spezzjoni fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAH-062 hija qdiet l-obbligi u d-doveri mistennija minnha skond il-liġi relattiva; (iii) il-liġi in kwistjoni (l-Avviż Legali 43 tal-2008 u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15) hija tassattiva u ladarba persuna tikser il-kundizzjonijiet stipulati fil-liġi, l-Awtorita` intimata għandha idejha marbutin bil-liġi peress illi l-liġi timponi fuqha illi tali persuna għandha tingħata punti ta' penalita` u tħallas il-multi amministrattivi korrispondenti. Kuntrarjament għal dak erronjament sottomess mir-rikorrenti, l-impożizzjoni ta' punti ta' penalita` wara ispezzjonijiet u indaġnijiet mwettqa sewwa u b'reqqa hija s-sanzjoni amministrattiva prevista mir-regolamenti ġja ċitati u li fiha innifsiha ma hijiex proċess ġudizzjarju iżda l-qadi tal-obbligi u d-doveri mistennija mill-Awtorita` intimata skond il-liġi; u (iv) l-aġir ta' l-Awtorita` intimata huwa ġust, legali u għandu jiġi ikkonfermat. Konsegwentement l-appell interpost għandu jiġi miċħud bl-ispejjez.

Rat **is-sentenza tat-Tribunal tal-20 ta' Novembru 2014** li ddecidiet hekk:

*"Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata u l-ewwel aggravju tar-rikorrent, jilqa' l-appell tar-rikorrent in kwantu jirrigwarda it-tieni aggravju tieghu u konsegwentement ihassar id-decizjoni moghtija mill-Awtorita` intimata fil-5 ta' Ottubru 2012 fil-konfont tieghu.*

*Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` ntimata."*

Dan wara li l-istess Tribunal ghamel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

i. <u>Dwar l-ewwel aggravju tar-rikorrent</u> li jirrigwarda l-ilment li u d-decizjoni tal-Awtorita` intimata ma tissodisfax il-principji tal-*audi alteram partem* u tan-*nemo iudex in causa propria* rrizulta illi ghalkemm permezz tal-avviz kontestat l-Awtorita` intimata imponiet il-punti ta' penalita`, din id-decizjoni ma kinitx wahda finali in kwantu r-rikorrent gie mgharraf bid-dritt tieghu li jappella quddiem it-Tribunal, kif fil-fatt sar, liema Tribunal huwa wiehed indipendenti u mparzjali u fejn ir-rikorrenti nghata l-opportunita` kollha li jressaq ix-xhieda u jaghmel is-sottomissjonijiet kollha li jidhirlu opportuni;

ii. Inoltre, l-effetti tad-decizjoni appellata gew sospizi pendenti l-ezitu ta' dan l-appell u ghalhekk id-decizjoni tal-istess Awtorita` ma saritx wahda finali;

iii. Ghaldaqstant irrizulta li qabel ma' l-penali inflitta mill-Awtorita' intimata ssir finali u ezekuttiva r-rikorrent inghata d-dritt li jressaq il-kaz tieghu quddiem Tribunal gudizzjarju indipendenti u imparzjali. Dan l-aggravju gie ghalhekk michud;

iv. <u>Dwar it-tieni aggravju tar-rikorrent</u> li u cioe' jekk il-VRT test sarx kif suppost jew le, it-Tribunal innota illi l-*post-VRT test* sar cirka tmint ijiem wara li l-vettura sarilha l-VRT mir-rikorrent, perjodu li fil-fehma tat-Tribunal ghandu jkun ferm iqsar sabiex tigi

skartata kwalunkwe incertezza dwar x'seta' gara fil-perjodu minn meta vettura tkun giet sottoposta ghall-*VRT* sa meta jsir il-*post-VRT*;

v. It-Tribunal innota wkoll diskrepanzi fix-xhieda taz-zewg spetturi li ghamlu l-*post-VRT test* f'certi partikolaritajiet ezempju dwar l-iccekjar tat-*tyres* u l-*wipers* u l-*washers*;

vi. Inoltre fit-tmint ijiem li kien ilu li sar il-VRT fuq il-vettura in kwistjoni setghet grat kwalunkwe cirkostanza li rrendiet il-*headlamp beam* ma jibqax jiffunzjona;

vii. L-istess jista' jinghad fir-rigward tal-i*steering*, apparti l-fatt li l-metodu ta' spezzjonar uzat mill-ispetturi tal-Awtorita` ma jimxix mal-metodu elenkat fl-*MOT Inspection Manual* stante li sar biss *visual check* u l-vettura ma thaddimtx kif hemm stipulat fl-istess manwal;

viii. Ghalhekk, it-Tribunal ma jistax ma jurix it-thassib tieghu kif sar dan il-*post-VRT* u kif possibilment qeghdin isiru post VRTs ohra. Jekk l-Awtorita` intimata tesigi mill-operaturi ta' VRT *stations* certu livell ta' serjeta` ma tistax imbaghad hi stess tikkonduci l-post-VRT test b'mod li ma jilhaqx l-i*standards* imposti fuq l-operaturi;

ix. Jekk vettura trid tigi mghollija biex tigi ccekkjata sew minn taht, ma jistghux l-ispetturi tal-VRT jaghtuha titwila huma u jaslu ghall-konkluzjonijiet taghhom, anke jekk dawn jistghu ikunu validi;

x. Fil-kaz in ezami, dan it-Tribunal, lanqas certezza kif sar it-test ma ghandu stante li fuq zewg aspetti u cioe' fuq it-*tyres* u fuq l-ilma tal-pompa, l-ispetturi tal-Awtorita` intimata taw verzjoni differenti;

xi. L-Awtorita` ntimata trid tifhem illi r-rizultanzi li jemergu minn *post-VRT* ghandhom konsegwenzi serji hafna ghall-operaturi tal-*VRT stations*, li jistghu iwasslu ghal telfien tal-licenzja. Illi ghalhekk l-Awtorita` intimata trid tkun attrezzata daqs l-istess VRT Stations u l-ispetturi taghha ghandhom jikkonducu l-post VRT bl-ikbar serjeta` ghaliex dak li jirrizultalhom se jittraduci ruhu f'penalitajiet li jistghu iwasslu, kif gia inghad, biex tintilef il-licenzja ta' operatur ta' *VRT station* u sahansitra anke, jista' jkun il-kaz, ta' procedimenti kriminali kontra l-istess operatur;

xii. Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-mod kif gie kondott il-*post-VRT* mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata jippekka f'diversi aspetti u kwindi l-istess Awtorita` ma setghetx timponi punti ta' penali meta t-test ma kienx kondott bl-istess rigorozita` li hi tesigi mill-operaturi tal-*VRT stations*;

xiii. Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-avviz mahrug mill-Awtorita` ntimata datat 5 ta' Ottubru 2012 ghandu jigi revokat.

L-Awtorita' ntimata appellat mis-sentenza quddiem din il-Qorti u r-rikorrent wiegeb[2]. Waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2016[3] dehru d-difensuri tal-partijiet u Albert Gauci. Id-difensuri

[2] Fol 12 et seq.

ddikjaraw li m'ghandhomx x'izidu ma' dak li nghad fl-atti u li l-Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza.

Il-Qorti rat l-atti.

**Preliminari.**

Ir-rikorrent appellat issolleva l-pregudizzjali tan-nullita' u l-irritwalita' tal-appell interpost mill-Awtorita' stante li fil-fehma tieghu il-ligi ma tikkontemplax appell mid-decizjoni appellata. L-appellat jargumenta li r-rikors promotur tressaq a tenur tal-artikolu 21 tal-L.S. 65.15 li l-hames sub-inciz tieghu jipprovdi biss ghad-dritt t'appell minn decizjoni tal-Awtorita' quddiem it-Tribunal. Huwa jkompli li f'kaz li operatur jezercita dan id-dritt u jitlef il-kaz, il-ligi sussidjarja tesigi l-hlas tal-multa fi zmien 90 jum mid-decizjoni finali tat-Tribunal u mhux minn xi decizjoni tal- Qorti tal-Appell.

Di piu' skont l-appellat, din il-linja ta' hsieb tieghu hija wkoll konfermata mill-artikolu 22 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap 490) innifsu li wkoll ma jikkontemplax appell minn decizjoni tat-Tribunal fuq rikors li jsirlu a tenur tal-legislazzjoni sussidjarja msemmija. Dan ghaliex dan l-artikolu jirrimetti ruhu ghat-Tieni Skeda tal-Att li ma tinkludix referenza ghal tali legislazzjoni sussidjarja.

Din il-Qorti stess diga' kellha l-okkazjoni tiddeciedi dwar eccezzjoni simili fil-kaz **Michael Zammit vs Awtorita' ghat-Trasport f'Malta deciz fis-27 ta' Novembru 2015**[4] li fih qalet hekk -

*"L-appellat isostni li l-Awtorita' ma kellhiex dritt ta' appell. Skond l- Artikolu 22(1) tal-Att dwar it-Tribunal Ghal Revizjoni Amministrattiva (Kap. 490):*

*"Kull parti fil-proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li thoss ruhha aggravata b'decizjoni ta' dak it-Tribunal tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza taghha superjuri jew dik inferjuri."*

***Jidher ghalhekk li l-principju hu li kull decizjoni ta' Tribunal ta' Revizjoni tista' tigi appellata***[5]*.......Id-dritt ta' appell mid-decizjoni tat-Tribunal ma jigix determinat a bazi ta' paragun bejn dak li kien jipprovdi regolament 22(3) tal-Ligi Sussidjarja 65.15 u x'jipprovdi r-regolament 22 llum tal-istess ligi sussidjarja. Ghalkemm kif inhu llum ir-regolament 22 ta' din il-ligi sussidjarja ma jsemmix dritt ta' appell, ma jfissirx li m'hemmx tali dritt. Id-dritt ta' appell jirrizulta mill- Artikolu 22(1) tal-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni.*

*Il-problema hi li l-ligi ma tghidx liema hi l-Qorti tal-Appell kompetenti sabiex tisma' l-kaz. F'dan ir-rigward l-Artikolu 22(2) tal-Kap. 490 jipprovdi:-*

---

[3] Fol 27.

[4] App Nru 7/11.

[5] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi ta' din il-Qorti.

*"Il-kompetenza tal-Qorti tal-Appell biex tisma' u tiddeciedi appell minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tkun dik stabbilita fit-Tieni Skeda".*

*Fit-Tieni Skeda tal-Kap. 490 hemm lista ta' ligijiet u ligijiet sussidjarji u l-Qorti tal-Appell kompetenti sabiex tisma' l-appelli. Madankollu l-Ligi Sussidjarja 65.15 ma tissemmiex. Il-qorti ma taqbilx mat-tezi tal-appellat li peress li l-Ligi Sussidjarja 65.15 ma tissemmiex fit-Tieni Skeda dan ifisser li m'hemmx dritt ta' appell minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. L-Artikolu 22(2) u t-Tieni Skeda ma jitrattawx id-dritt ta' appell izda semplicement liema hi l-Qorti tal-Appell kompetenti sabiex tisma' l-appell.*

*2. Dan kollu jfisser li sal-gurnata tal-lum il-Ministru tal-Gustizzja ghadu ma pprovdiex permezz ta' regolamenti, setgha li ghandu bl-Artikolu 22(3) tal-Kap. 490, liema hi l-Qorti tal-Appell kompetenti sabiex tisma' u tiddeciedi appell minn decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li jsir taht il-Ligi Sussidjarja 65.15.*

*Madankollu l-qorti hi tal-fehma li b'applikazzjoni tal-Artikolu 40(3) tal-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (Kap. 499), l-appell tal-lum ghandu jinstema' minn din il-qorti*[6]*. Dak il-provvediment jipprovdi li:*

*"…. hemm dritt ta' appell skond d-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva minn decizjonijiet tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva taht is-subartikoli (1) u (2) u dak l-appell isir quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)".*

*Subartikolu (1) tal-Artikolu 40 jaghti lit-Tribunal il-kompetenza li jisma' u jiddeciedi:*

*"(b) appelli maghmulin minn xi persuna li thoss ruhha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'ohra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorita" .*

*Dan hu proprju dak li ghandna fil-kaz in ezami. Ghalhekk din il-qorti hi l-qorti kompetenti biex tisma' u tiddeciedi dwar l-appell tal-Awtorita."*

Fid-dawl ta' dawn il-principji li japplikaw ghall-kaz odjern, il-pregudizzjali tar-rikorrent appellat mhijiex gustifikata u l-Qorti sejra tipprocedi biex tevalwa l-aggravji tal-Awtorita' fil-mertu.

## Mertu

Fis-sustanza taghhom l-aggravji tal-Awtorita' huma marbuta ma' kritika dwar l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, sintetikament:

1. Apprezzament zbaljat tad-deposizzjonijiet tax-xhieda u tad-dokumenti prodotti li wasslu ghall-konkluzzjonijiet zbaljati mit-Tribunal u li bhala konsegwenza kkrejaw ingustizzja serja u gravi fil-konfront tal-appellanti;
2. Filwaqt li kkritika lill-Awtorita' appellanti, it-Trinunal naqas li jara n-nuqqasijiet tal-appellat;

[6] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti.

3. It-Tribunal ma kkunsidrax li l-Awtorita' appellanti m'ghandiex interess tippregudika l-operaturi tal-*VRT Stations* u meta twettaq il-post *VRT tests,* dawn taghmilhom bis-sengha u bil-ghaqal u bhala *bonus pater familias;*

4. Ghalkemm il-*post VRT test* isir wara numru ta' granet, huwa impossibbli li certi nuqqasijiet li jinstabu fil-*post-VRT inspection* jimmaterjalizzaw f'perijodu daqshekk qasir. Fil-kaz odjern, tmint ijiem huwa perijodu ferm qasir sabiex jizviluppaw in-nuqqasijiet li rriskonstrat l-Awtorita' appellanti fil-vettura in kwistjoni;

5. It-Tribunal wasal ghall-konkluzjonijiet zbaljati fir-rigward ta' kull wiehed min-nuqqasijiet misjuba mill-ispetturi tal-Awtorita'.

Fir-risposta tieghu l-appellat irribatta li:

1. L-ezercizzju mwettaq mit-Tribunal kien wiehed logiku u korrett, billi hu proprju minhabba n-nuqqasijiet ta' l-Awtorita' appellanti li l-istess Tribunal ma setax isib lill-appellat hati ta' xi nuqqasijiet;

2. It-Tribunal, fil-fatt, sab li n-nuqqasijiet allegatament riskontrati mill-ufficcjali ta' l-Awtorita' appellanti waqt il-*post-VRT inspection* ma kienux attendibbli ghax (a) kienu lahqu ghaddew tmint ijiem mit-test tal-VRT u (b) waqt it-twettiq tal-*post VRT inspection* l-ufficcjali ta' l-Awtorita' ma zammewx ma' l-*istandards* u mar-rekwiziti li l-operaturi stess huma mistennija li jzommu waqt il-*VRT test;*

3. L-Awtorita' appellanti naqset ghal kollox milli twettaq il-kontro-ezami ta' l-attur u ta' Ritianne Gauci. Kif konfermat fil-gurisprudenza, fejn xhieda ma tigix sottoposta ghal kontro-ezami, ghandha titqies bhala mhux kontestata;

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

Il-Qorti tibda billi tissottolinea l-principju kardinali li, f'materja tal-apprezzament tal-provi, din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament maghmul mit-Tribunal sakemm ma jirizultax xi zball manifest li, jekk ma jigix rettifikat, parti ser issofri ingustizzja. Il-Qorti tqis ukoll li, jekk mill-provi akkwiziti it-Tribunal seta' ragjonevolment jasal ghad-decizjoni li wasal ghaliha, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tat-Tribunal f'dan ir-rigward[7].

Fit-tieni lok, fil-principju, l-Qorti tikkondividi mal-osservazzjonijiet tat-Tribunal dwar l-importanza li l-*post-VRT inspections* isiru f'temp ragonevolment qasir ghal fini ta' trasparenza, kif ukoll li dawn ghandhom isiru bir-reqqa u b'rigorozita' in vista tar-reperkussjonijiet li tali spezzjonijiet jista' jkollhom fuq l-operaturi tal-*VRT stations*.

Izda l-Qorti tqis ukoll li *spezzjoni post-VRT* li ssir mill-Awtorita' m'ghandhiex tigi leggerment skartata jew imhassra mit-Tribunal jekk:

---

[7] **Francienne Fenech vs Alexander sive Sandro Fenech deciz fid-29 t'April 2016** (Cit Nru 423/04).

(a) ir-rizultanzi taghha jkunu tali li jikxfu nuqqasijiet tant evidenti li dawn setghu jigu skoperti minghajr ma necessarjament ikunu gew osservati *ad litteram* l-istruzzjonijiet tal-Manwal tal-Ispezzjoni; u

(b) in-nuqqasijiet riskontrati jkunu ta' natura tali li ragjonevolment ma setghux sehhew fil-kors tal-perjodu bejn it-test tal-*VRT* u l-ispezzjoni *post-VRT*.

Dan kollu jinghad ukoll fl-isfond tal-importanza li vettura trid tkun <u>f'kull hin</u> sikura biex tinstaq minghajr periklu ghas-sewwieq u l-utenti l-ohra tat-triq.

Id-decizjoni kontestata tal-Awtorita` intimata llum appellanti tal-5 ta' Ottubru 2012, indirizzata lill-appellat, tghid hekk -

*"Please be advised that on the 25th September 2012 the Transport Malta Technical Unit Officers had carried out a post VRT inspection on the abovementioned vehicle. The VRT test was conducted on the 17th September 2012 at your station and issued a pass certificate. No C781810 on the said vehicle.*

*The following irregularities related to the VRT test were noted during the Transport Malta inspection.*

- *Both rear and front right tyre were found to be worn out beyond the minimum permitted thread dept.*
- *Both wipers worn out.*
- *Windscreen washers inoperative.*
- *Left headlamp dipped beam not working.*
- *Steering drag link ball joint loose, corroded and dust cover torn.*

*Please be informed that according to Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 item 15, 19, 20, 28, 36 as a VRT tester Licence No LTD/38/98/40, you are therefore being penalized the total points of 135 points.*

*May we also draw your attention to your right of appeal from this decision in terms of Part VI of the same regulations."*

Mill-atti jirrizulta pacifiku li:

i. L-ispezzjoni *post-VRT* fuq il-vettura IAH-062 kienet wahda vizwali;

ii. Skont l-ispetturi tal-Awtorita', jekk l-Awtorita' tqis opportun li taghmel spezzjoni ulterjuri, imbaghad tiehu l-vettura gol-*VRT station* biex isiru testijiet f'aktar dettal. Fil-kaz odjern dan ma sehhx ghax fil-fehma tal-ispetturi ma kienx hemm il-htiega[8];

[8] Xhieda ta' Lino Abela a fol 50.

iii. Il-kriterji applikabbli ghall-ispezzjoni post-VRT huma l-istess bhal dak tat-test tal-VRT innifsu kif stipulat fl-*MOT Inspection Manual*[9].

In-nuqqasijiet riskontrati mill-ispetturi tal-Awtorita', Lino Abela u Noel Buhagiar kif komunikati lill-appellat kienu hamsa:

***1. Tyres.***

L-irregolarita' riskontrata mill-Awtorita' kienet li t-*tread* taz-zewg *tyres* ta' wara u dak tal-lemin ta' quddiem kienet inqas mill-minimu ta' 1.6mm kif stipulat mill-*MOT Inspection Manual*.

Dwar dan in-nuqqas, l-ispettur tal-Awtorita' Lino Abela xehed hekk:

*"Dr. Mark Simiana: Il-grooves tat-tyres biex kejjilthom?*

*Xhud: Il-grooves tat-tyres, lanqas kien hemm grooves xi tkejjel. Tant kienu flat bhal ma hemm jidher fuq ir-ritratti illi ma kienx hemm xi tkejjel.*

*Dr. Mark Simiana: Imma kejjilthom?*

*Xhud: M'ghandekx xi tkejjel ghax kienu worn out.*

*Dr. Mark Simiana: Ma kejjilthomx jigifieri?*

*Xhud: Ma kienx hemm xi tkejjel. Ma baqax xi tkejjel. They were totally worn out.*

*Dr. Mark Simiana: Kejjilthom iva jew le rrid inkun naf biss?*

*Xhud: Le, ma kejjilnihomx ghax ma kienx hemm xi tkejjel. Inti tkejjel meta hemm xi haga li tista' tkejjel. Ma tistax tkejjilha ghax ma kien hemm xejn, kif juru r-ritratti*[10]*."*

L-ispettur Noel Buhagiar qal hekk:

*"Xhud: Mela t-tyres kienu worn out kienu spiccuti. Li sibt huma both rear tyres and right front tyre were found to be worn out….*

*[…]*

*Dr. Mark Simiana: Mela Sur Buhagiar it-tyres kif ezaminajthom inti jekk joghgbok? Vizwalment biss?*

*Xhud: Iva vizwalment u meta ccekjajthom dehru li t-tyres kienu worn out u li kienu mikula ghal kollox.*

*Dr. Mark Simiana: Vizwalment jigiferi ccekjajthom?*

---

[9] Xhieda Lino Abela fol 54.

[10] Fol 57.

*Xhud: Iva vizwalment iccekjajthom u ccekjajthom ukoll meta missejthom bil-ponta tal-biro li hija inqas mit-thread tal-minimum ware, kienet hafna inqas milli dak li kieku ccekjajt.*

*Dr. Mark Simiana: U kemm kien fond allura t-threads tat-tyre bil-biro? Kemm dahhaltha l-biro?*

*Xhud: Lanqas il-ponta tal-biro tal-ball pen, voldieri kien hemm inqas minn 1.6 millimetre fil-wisa*[11]*."*

Minn naha l-ohra, l-appellat, b'mod generiku xehed hekk:

*".....t-tyres hemm il-godda u hemm dawk li jkunu lixxi li fl-obbligu tieghi li ma nghaddihx lil dak li jkun u hemm tyres li jkollhom nofs wear and tear fihom li huma passabbli. Li jkunu jghaddu*[12]*."*

L-appellat sahaq ukoll li dawk it-*tyres* li jkunu "tan-nofs" ma jistax ikun li joqoghdu jinbidlu kull darba anke ghaliex kollox ifisser spejjez ghan-nies[13]. Huwa ghamel referenza wkoll ghal ritratt a fol 9 tal-atti u li fi kliemu juri almenu t-*tyre* ta' quddiem bit-*tread* li huwa tajjeb[14].

Xehdet ukoll mart l-appellat Ritienne Gauci[15] li qalet li tkun il-hin kollu l-garaxx ta' zewgha u li xoghlha hemmhekk huwa bhala "*assistant tester*". Hija xehdet li dakinhar li sar it-test tal-VRT fis-17 ta' Settembru 2012 kienet hija li assistiet lil zewgha fil-kors kollu tat-test tal-VRT fuq il-vettura in kwistjoni. Dwar it-*tyres* qalet li huma ghandhom *gauge* apposta biex jittestjaw il-hxuna tat-tyres u li f'dan il-kaz it-*tyres* kienu tajbin ghax ghaddew mit-*test*[16]. Il-Qorti izda ma tistax ma tosservax li l-appellat imkien fix-xhieda tieghu ma jsemmi l-prezenza ta' martu waqt dan it-test. Anzi meta mistoqsi spcifikatament min ghamlu t-test tal-*VRT* in ezami, huwa jghid hekk - *"It-test ghamiltu jien ghax l-operatur huwa jiena allura t-tester huwa jien, kollox jiena*[17]*".* Imbaghad l-appellat isemmi li l-unika persuna li ghenitu fih dakinhar kien l-impjegat tieghu, ismu mhux maghruf, li baqa' qatt ma ttella bhala xhud fil-proceduri.

L-*MOT Inspection Manual* jghid hekk dwar it-*Tyres*:

"***Method of Inspection***

*E. Tread – Pattern, Breadth and Depth 1.6mm tread depth*

---

[11] Fol 67-67.

[12] Fol 32.

[13] Xhieda  a fol 34.

[14] Xhieda a fol 34.

[15] Fol 46 et seq.

[16] Fol 47.

[17] Fol 33.

*1. Check the tread pattern over the complete circumference of the tyre. Check also that the tread depth meets the requirements using, as necessary, a depth gauge accepted for MOT testing.*

*"**Reason for Rejection***

**1.** *The grooves of the tread pattern are not at least 1.6mm throughout a continuous band comprising:*

*• The central three-quarters of the breadth of tread, and*

*• Round the entire outer circumference of the tyre.*

*Note: Each side of the central band of the tyre can be devoid of tread (i.e. "bald") and still meet the pass standard."*[18]

Fis-sentenza tieghu it-Tribunal warrab il-konkluzjoni tal-*post-VRT inspection* dwar it-tyres ghal raguni wahda, u cioe' **nuqqas ta' certezza dwar kif sar it-test fuq it-*tyres* ghax fil-fehma tieghu l-ispetturi ma qablux bejniethom dwar kif iccekjawhom**. Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konkluzjoni.

Ma jirrizultax nuqqas ta' qbil bejn iz-zewg spetturi tal-Awtorita'. Kull wiehed xehed il-parti tieghu ta' dak li ghamel waqt l-ispezzjoni. Lino Abela qal li huwa lanqas biss pprova jkejjel it-*tread* ghax ma kienx hemm xi tkejjel, filwaqt li Buhagiar ipprova almenu jmiss it-*tread* bil-ponta tal-*biro*. Il-konkluzjoni taghhom pero' kienet l-istess: it-*treads* ta' tlieta mill-erba' tyres kienu spiccuti. Ix-xhieda tal-ispetturi hi korraborata b'ritratti tat-*tyres* in kwistjoni mehudin mill-vicin, inkluz bil-ponta tal-*biro* vicin uhud mit-*treads*[19]. Hu veru li l-ponta tal-biro mhijiex *"a depth gauge accepted for MOT testing"*, Ir-ritratti huma fihom infushom prova li kif qal Noel Buhagiar, *'.... kienu worn out u li kienu mikula ghal kollox"* (fol. 68). Anke jekk mir-ritratti l-Qorti ma hix f'qaghda li tiddecifra l-kejl innifsu tat-*treads*, l-istat tat-treads tat-tyres huwa ghal kollox hazin. La uhud minn dawn ir-riratti juru car li lanqas il-ponta tal-*biro* ma kienet tidhol fit-*tread*, il-Qorti ma tarax raguni valida il-ghala kellha tigi skartata l-kredibilita' tax-xhieda taz-zewg spetturi.

Di piu' l-Qorti ma tirriskontrax nuqqas fil-mod ta' kif sar it-test. L-ispetturi xehdu li ccekjaw it-*tyres* kollha u sabu tlieta minnhom f'kundizzjoni hazina. Ukoll, id-*depth gauge* li ghaliha jirreferi l-*MOT Inspection Manual* tintuza skont in-neccessita', liema necessita' difficilment tirrizulta fil-kaz odjern la lanqas ponta ta' *biro* ma dahlet got-treads murija fir-ritratti.

Barra minn hekk, m'hemmx dubju li l-*wear and tear* li tidher fuq it-tyres ma saritx fi spazju ta' tmint ijiem biss. Dan aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li l-appellat xehed biss b'mod generiku dwar

[18] Fol 60.

[19] Fol 38-40.

it-tyres u naqas li jgib il-prova dwar il-kejl tat-tyre *treads* kif misjuba minnu fil-mument tal-VRT (ghax ic-certifikat tal-VRT ma jkunx jinkludi dan id-dettall). Ir-ritratt li esebixxa a fol 9 ma juri xejn konklussiv dwar il-kundizzjoni tat-tyres. Ma ngiebet l-ebda prova li fl-intervall bejn meta sar it-test mill-appellat u l-ispezzjoni mill-ispetturi, gara xi haga biex it-tyres spiccaw fil-kundizzjoni prekarja li tidher fir-ritratti a fol. 38-40 u li meta saret l-ispezzjoni mill-ispetturi t-treads ma kinux konformi mal-minimu rikjest ta' 1.6mm.

Ghal dan in-nuqqas, il-L.S. 65.15 tippenalizza lill-operatur b'50 punt[20], li fic-cirkostanzi hi gustifikata.

**2. *Wipers.***

L-irregolarita' riskontrata mill-Awtorita' kienet li z-zewg *wipers* kienu *worn out.*

Dwar dan in-nuqqas, l-ispettur tal-Awtorita' Lino Abela xehed hekk[21]:

*"Xhud: ….jekk inti tirreferi ghar-ritratti, il-wipers juru li huma torn (imqattghin), allura meta huma mqattghin inti ghandek a reason for rejection ghax dan m'ghandekx swiping taghhom, la huma mqattghin, imqattghin.*

*Dr. Mark Simiana: Ippruvajt titfa' ilma fuq il-windscreen?*

*[….]*

*Xhud: Le ma ppruvajniex. Wipers imqattghin huma reasons for rejection jekk imqattghin u f'dan il-kaz kienu mqattghin.*

*Dr. Mark Simiana: Mela inti waqaft fuq il-fatt li kienu mqattghin.*

*Xhud: Iva ghax they are a reason for rejection ghax they are torn."*

L-ispettur Noel Buhagiar ikkonstata dak li qal Abela[22]:

*"Dr. Mark Simiana: Il-blades tal-wipers qed tghidu li kienu worn out intom. Tfajtu ilma fuq il-windscreen biex taraw kif jahdmu?*

*Xhud: Kienet maqtugha l-blade.*

*Dr. Mark Simiana: Imma jiena qed nistaqsik jekk tfajtux ilma fuq il-windscreen biex taraw jekk jahdimx?*

*Xhud: Le ma tfajtlux ilma jiena biex nara jekk jahdimx.*

---

[20] Skeda 12 Partita 20, *"Tinjora difett fit-tajers"*.

[21] Fol 56.

[22] Fol 70.

*Dr. Mark Simiana: Ma tfajtux lanqas?*

*Xhud: Le, imma l-blade li timsah il-windscreen kienet maqtugha totalment. La l-blade ma hijiex tajba allura ma humhiex tajbin."*

Ix-xhieda tal-appellat ghal darb'ohra kienet biss generika u spekulattiva:

*"Both wipers worn out? …dawn mhux gew il-garaxx tieghi bir-rispett kollu u rawhom imqattghin waqt li tajtu l-karti li ghaddejtu...both wipers worn out seta' bidilhom ghas-sajf jew ghal xhiex ikun. Easy biex tibdilhom il-wipers."*

Fix-xhieda taghha, dejjem meqjusa fid-dawl ta' dak li diga' inghad dwarha, mart l-appellat qalet l-*wipers* kienu jahdmu meta zewgha ghamel it-test tal-VRT fuq il-vettura in kwistjoni.

Skont l-*MOT Inspection Manual*, raguni valida biex *test* fuq il-wipers jehel huwa jekk il-*wiper blade* tkun:

*" ….insecure, missing, or in such a condition that it does not clear the windscreen effectively to give the driver an adequate view of the road (through the windsreen) to the left and right sides of the vehicle, as well as to the front."*

Il-metodu ta' spezzjoni huwa –

*"Examine the condition, security and effectiveness of the wiper blades and their contact with the windscreen."*

It-Tribunal laqa' l-argument tal-appellat ghar-raguni li mix-xhieda tal-ispetturi tal-Awtorita' rrizulta li dawn ma kinux pruvaw ihaddmu dawn il-wipers. Il-Qorti ma taqbilx ma' din il-konkluzjoni. Ix-xhieda tal-ispetturi, korroborata mir-ritratti a fol 37 ma thallix wisq lok ta' dubju. La rrizulta li l-*blade* li timsah il-*windscreen* kienet maqtugha totalment, difficilment setghet taghti rizultat pozittiv, sew jekk tithaddem sew jekk le, bl-ilma fuq il-*windscreen* jew minghajru. Logikament il-Qorti ma tarax kif, *wipers* fl-istat deskritt mill-ispetturi u kif muri fir-ritratti msemmija setghu qatt jitqiesu f'kundizzjoni sigura jew *"(to) clear the windscreen effectively…"* Fil-manwal stess jinghad li wiehed mill-metodi ta' spezzjoni hu, *"examine the condition….. of the wiper blades….."* Minn dan l-ezami biss kien altru milli evidenti li l-wipers kellhom bzonn jinbidlu.

Il-Qorti tara wkoll inverosimili l-verzjoni tal-appellat li z-zewg *wipers* setghu inbidlu fil-perjodu ta' dawk it-tmint ijiem. Dik hi biss kongettura u mhux prova.

Ghal dan in-nuqqas, il-L.S. 65.15 tippenalizza lill-operatur bi 15-il punt[23], li fic-cirkustanzi l-Qorti tqis gustifikati.

[23] Skeda 12 Partita 28 "Tinjora difett fil-wipers" 15

3. ***Windscreen washers.***

In-nuqqas riskontrat mill-ispetturi tal-Awtorita' kien *"Windscreen washers inoperative."*

Lino Abela xehed hekk[24]:

*"Dr. Mark Simiana: Issa per ezempju…punt 3…"the windscreen washers do not provide enough liquid to clear the windscreen in conjunction with the wipers." Kif tiddeterminaw il-kwantita' ta' likwidu li huwa necessarju?*

*Xhud: Lanqas biss kien jahdem."*

Ix-xhud zied li ma huwhiex kompitu taghhom bhala spetturi li jiddeterminaw il-kawza li wasslet biex il-pompa ma tahdimx izda kkonstataw biss li meta ttestjawha s-sistema ma kinitx ittella' ilma.

L-ispettur Noel Buhagiar qal hekk[25]:

*"Xhud: Meta gejt biex inhaddem l-iswitch ma hadem xejn.*

*Dr Mark Simiana: Fittixtu fejn hu d-difett?.....*

*Xhud: Jiena just ghafast il-buttuna ha nara jekk johrogx u ma hadem xejn, la hoss tal-mutur ma kien hemm xejn.*

*Dr Mark Simiana: U kkonkludejt li ma jahdimx hux hekk?*

*Xhud: ma jahdimx ghax la ilma u xejn.*

*Dr Mark Simiana: Ma ccekjajtx jekk kienx fih ilma t-tank?*

*Xhud: Iccekjajt iva u ma kienx fih ilma.*

*[…..]*

*It-Tribunal: Sur Buhagiar la darba ma kienx hemm ilma ma setax jitla' ilma hux hekk?*

*Xhud: Ovvjament mhux ha jitla' ilma.*

*It-Tribunal: Mela kif taf li kienet bil-hsara l-pompa tal-ilma?*

*Xhud: Ghax meta taghfas l-iswitch ma hadem xejn.*

*It-Tribunal: Imma jekk ma kienx hemm ilma ma setax itella ilma hux hekk?*

*Xhud: Ovvjament.*

---

[24] Fol 55-56

[25] Fol 68

*Dr. Mark Simiana: Pruvajtu titfghu ilma fih?*

*Xhud: Le."*

Ir-rikorrent xehed li[26] –

*"Dan biex jitlaqlek switch jew jinghalaqlek pipe bhala ezempju qed nghid jiena ta….**quddiemi dawk hadmu dakinhar."***

Skont l-*MOT Inspection Manual*, raguni ghall-*fail* huwa li l-*"widscreen washers do not provide enough liquid to clear the windscreen in conjuction with the wiper(s)."*

It-Tribunal ikkritika l-ispezzjoni *post-VRT* fir-rigward ta' dan in-nuqqas riskontrat peress li fil-fehma tieghu l-ispetturi taw verzjonijiet differenti fir-rigward tal-pompa tal-ilma.

Fil-fehma tal-Qorti t-Tribunal zviju ruhu fuq il-punt li l-pompa fil-mument tal-ispezzjoni *post-VRT* kienet bla ilma. Huwa minnu li pompa bla ilma ma tistax ittella' ilma izda l-fattur principali li jidher li sfugga lit-Tribunal kien li mill-provi stess irrizulta li l-problema f'dan il-kaz ma kienx l-assenza ta' ilma mill-pompa izda l-fatt li l-pompa nfisha ma kinitx tahdem. Dan intwera mill-fatt li kif qal Noel Buhagiar, meta huwa pprova jhaddem is-switch ma hadem xejn u lanqas il-mutur ma ghamel hoss. Mutur tajjeb f'pompa tal-ilma xorta jahdem u jaghmel hoss meta thaddem l-*iswitch* anke jekk minghajr ilma. Fil-fatt, kif xehed b'mod mhux kontradett Lino Abela, wara l-ispezzjoni post-VRT il-pompa giet mibdula ghal wahda gdida[27].

Meta qieset il-provi mressqa, fuq dan in-nuqqas il-Qorti sejra tikkoncedi l-beneficcju tad-dubju lill-appellat. Kif qal l-appellat, li nsista li quddiemu l-*windscreen washers* hadmu quddiemu waqt il-VRT, *switch* jista' jitlaq f'qasir zmien u ghalhekk huwa plawsibbli li din il-hsara sehhet fil-kors ta' dawk it-tmint ijiem bejn it-test tal-VRT u l-ispezzjoni post-VRT.

Fuq dan l-ilment ghalhekk il-Qorti mhux ser tilqa' l-argumenti tal-Awtorita'.

### 4. Fanal ta' quddiem tax-xellug tal-vettura.

Mid-decizjoni tal-Awtorita' tal-5 t'Ottubru 2012 jirrizulta li l-ispetturi sabu li din il-bozza ma kinitx qed tiffunzjona. Izda fic-Certifikat tal-VRT mahrug mill-appellat fis-17 ta' Dicembru 2012, kemm il-*head lamp* tax-xellug kif ukoll tal-lemin gew ittestjati u c-certifikat juri li anke ttiehed il-qari taghhom. Ir-rizultat ghaz-zewg bozoz kien **PASS** u ghalhekk il-Qorti temmen u taccetta l-verzjoni tal-appellat li fil-mument tal-VRT, iz-zewg *headlamps* kienu qeghdin jiffunzjonaw tajjeb[28].

---

[26] Fol 32.

[27] Fol 55.

[28] Ara wkoll xhieda tal-appellat a fol 32.

## 5. ***Steering system.***

In-nuqqas riskontrat mill-Awtorita' kien:

***"Steering drag link ball joint loose, corroded and dust cover torn."***

Lino Abela xehed hekk[29]:

*"Dr Mark Simiana: Dhaltu taht il-vettura biex taraw tahtha?*

*Xhud: Yes, tbaxxejna tahtha u rajna component illi ma kienx jghaddi mit-test.*

*Dr Mark Simiana: Imma igakjajtuha f'xi hin?*

*Xhud: Dan il-component laqqas kellek ghalfejn tiggakjah ghax meta ccaqlaq l-isteering il-play kien qed jurik li kien hemm hafna play plus li kellu anke il-bellow thorn li kien vizwali hafna….."*

Noel Buhagiar ikkonferma li m'ghollewx il-vettura[30]. Qal ukoll li fir-rigward tal-i*steering drag link ball joint* dan kien, *"worn out ukoll fis-sens loose, kellu l-laxk fih[31]."*

Mistoqsi xi jfisser ghalih dan in-nuqqas riskontrat mill-Awtorita', ir-rikorrent qal hekk[32]:

*"…Fil-mekkanizmu tal-isteering ikun hemm rod. Naha minnhom ikun fiha bolted joint u naha minnhom ikun fiha fejn tintrabat insomma side minnhom. Issa hemmhekk qed jirreferi ghaliha ghal wear and tear li fiha. Issa din, bir-rispett kollu lejhom, biex ticcekja din il-haga jrid ikollok il-gakk biex tgholli l-karozza, irid ikollok l-axel beam, trid taqta' l-karozza mill-giex roti, taqbadhom b'idejk u tmisshom. Ghidli kif dan….jigifieri mill-art jigi jghidlek il-bolted joint ,hux tajjeb? Ma tistax taghmilha din. Ma tistax taghmilha. Trid tkun fuq il-gakk.*

*[….]*

*….Issa jekk dan qed jirreferi bhala bolted joint jekk qed jara dust cover hija mqatta', dust cover mhijiex item li tiffejlja karozza. Mhijiex. Tiwwarnja lil dak li jkun li hemm dust cover li hi mqatta' ovvja, ghax il-grease johroglu, pero' mhijiex li tiffejljah. No way."*

F'dan ir-rigward it-Tribunal qal li:

*"…. Ma jistax ma jurix it-thassib tieghu kif sar dan il-post VRT u kif possibilment qeghdin isiru post VRTs ohra. Jekk l-Awtorita' intimata tezigi mill-operaturi ta' VRT stations certu livell ta' serjeta ma tistax imbaghad hi stess tikkonduci l-post VRT b'mod li ma jilhaqx l-istandards impost fuq l-operaturi. Jekk vettura trid tigi mghollija biex tigi ccekjata sew minn that, ma*

[29] Fol 50.

[30] Fol 69-70.

[31] Fol 67.

[32] Fol 32-33.

*jistaghux l-ispetturi tal-VRT jaghtuha titwila huma u jaslu ghall-konkluzjonijiet taghhom, anke jekk dawn jistghu jkunu validi Il-metodu wzati mill-ufficjali tal-Awtorita intimate meta jikkonducu post VRT jridu jkunu tal-istess livell impost fuq l-operaturi u dan sabiex dan it-Tribunal ikun jista' serenement jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu dwar in-nuqqasijiet allegati mill-istess Awtorita"*.

Fost ir-ragunijiet ghal *fail* skont il-manwal hemm, *"a loose track rod or drag link end"* u *"excessive play in a ball joint"* (fol. 59). Mill-avviz datat 5 ta' Ottubru, 2012 li ntbaghat lill-appellat, il-qorti fehmet li l-ispetturi sabu li kien hemm caqliq fid-*drag link* minhabba caqliq fil-ball joint. Skont il-manwal l-ezami tal-*isteering system* (*Method of Inspection*) issir billi:

*"1. With the **front road wheels on the ground** ask the assistant to rock the steering wheel in both directions firmly against resistance, examine the complete steering system"* (fol. 59).

Il-qorti ma rrizultalhiex kif it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li l-vettura ghandha tkun mghollija biex issir l-ispezzjoni. Fil-manwal ma jinghadx li l-vettura trid tkun *jacked* ghall-ispezzjoni tal-*isteering system*. Inoltre, filwaqt li t-Tribunal qal li l-ispetturi ghamlu biss *visual check*, mid-deposizzjoni ta' Lino Abela jirrizulta li l-isteering gie mcaqqlaq; *"Dan il-component laqqas kellek ghalfejn tiggakkjah **ghax meta ccaqlaq l-isteering il-play kien qed jurik diga illi hemm hafna play plus**….."* (fol. 50). Sahansitra ghal dak li jirrigwarda t-test li sar mill-appellat, fl-*inspection result* ma tissemmiex l-*isteering system* (fol. 7), u dan ghalkemm Ritienne Gauci xehedet li fil-kaz in ezami kienu ccekjaw il-ball joints (fol. 47).

Ladarba l-ispetturi ghamlu l-ezami bil-mod li jinghad fil-manwal u minn dak stess irrizultalhom id-difett, il-qorti ma tarax xi htiega kien hemm li ssir xi metodu ta' spezzjoni differenti fir-rigward tad-difett relatat mal-*isteering system*.

Ghal kull buon fini, jigi osservat ukoll li t-tnaqqis tal-punti a bazi ta' Partita 19 skont il-L.S. 65.15 jghid hekk: *"Tinjora difett fl-isteering li ma jkunx ħsara fil-bellows"*.

Ghalhekk dak li nghad mill-partijiet dwar il-*bellow* u d-*dust cover* ma ghandu ebda portata fuq it-tnaqqis tal-punti.

Fid-dawl tas-suespost, il-50 punt penali skont L.S. 65.15 huma gustifikati.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

1. **Tichad il-pregudizzjali tal-appellat dwar l-irritwalita' u n-nullita' tal-appell.**

2. **Tilqa' l-appell tal-Awtorita' limitatament u tvarja d-decizjoni tat-Tribunal billi tirrevoka biss dik il-parti tad-decizjoni fejn hassret dawn il-punti mposti mill-Awtorita' fuq l-appellat:-**

**(a) Il-hamsin (50) punt minhabba li gew injorati difetti fit-tyres;**

**(b) Il-hmistax (15)-il punt ghax gew injorati difetti fil-wipers;**

**(c) Il-hamsin (50) punt minhabba li gew injorati difetti fl-isteering.**

**3. L-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' quddiem it-Tribunal jinqasmu in kwantu 75% a karigu tal-appellat u 25% a karigu tal-Awtorita' appellanti.**

Anthony Ellul